# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 707/2021/1 ISB**

**Salvina Ebejer u Margaret Ebejer**

***v.***

**Awtorità tad-Djar; Avukat tal-Istat;**
**Luiga *sive* Louise McPherson**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju kkundannat lill-Awtorità tad-Djar sabiex tħallas kumpens ta'

tmienja u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€28,598) bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji. L-appell jolqot il-perjodu li matulu sar il-ksur.

2. L-atturi jgħidu illi huma sidien ta' fond f'Ħal Lija. Dan il-fond kien ta' ommhom, Ludgarda Ebejer, li ġiet nieqsa fid-19 ta' Ottubru 1969 u wirtuha l-atturi, uliedha, flimkien ma' oħthom Rose Ebejer. Rose Ebejer mietet fl-14 ta' Ottubru 2001 u wirtitha l-attriċi Salvina. Il-fond kien rekwiżizzjonat mis-Segretarju tad-Djar, predeċessur tal-Awtorità tad-Djar, fl-1 ta' Frar 1978, u fl-20 ta' Diċembru 1978 kien allokat lill-konvenuta McPherson. Wara li l-fond ġie de-rekwiżizzjonat fil-31 ta' Awwissu 2004 il-konvenuta McPherson baqgħet toqgħod fih b'kiri li l-atturi jgħidu illi kien imħares taħt l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"].

3. L-atturi jgħidu illi l-kera li jitħallsu huwa baxx wisq meta mqabbel mal-kera fis-suq, u ma jżommx bilanċ xieraq bejn id-drittijiet tagħhom bħala sidien u dawk tal-kerrejja. Billi jidhrilhom illi dan huwa bi ksur tal-jeddijiet tagħhom, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, kif wkoll minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u minħabba l-ordni ta' rekwiżizzjoni nº 40332/78, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali ordni ta' rekwiżizzjoni għadhom sallum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti;
>
> »2. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni tal-fond … Ħal Lija, proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimata Luiga *sive* Louise McPherson tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva, oltre rimedji oħra li din il-qorti jidhrulha xierqa;

»3. tiddikjara … illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwiżizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-inkwilini, *stante* illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni;

»4. tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, *ai termini* tal-liġi;

»5. tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. Wieġbu l-Awtorità tad-Djar u l-Avukat tal-Istat; il-konvenuta McPherson ma weġbitx.

5. L-awtorità konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»11. Ordni ta' rekwiżizzjoni ma tledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara li jkun hemm tqassim ġust tal-ġid fil-pajjiż. Il-Kostituzzjoni tagħti id-dritt lill-istat li jillimita id-drittijiet tal-proprjetà basta jkun hemm proporzjonalità bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u l-kumpens imħallas.

»… … …

»13. Kien hemm ordni ta' derekwiżizzjoni għall-proprjetà tal-kawża in kwistjoni li ħarġet fil-31 ta' Awwissu 2004 allura ma jista' jkun hemm ebda leżjoni ta' dritt kostituzzjonali għall-anqas minn dakinhar il-quddiem, peress li l-prdni ta' rekwiżizzjoni lanjat mill-attur ma kinitx għadha teżisti.

»14. Dan il-punt ġie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' <u>Michael Farrugia *v.* Avukat tal-Istat *et*</u> (rik. 78/16; deċiża 4 ta' Mejju 2021). Fil-fatt is-sentenza tgħid hekk:

> »"36. Fl-ewwel lok jiġi puntwalizzat li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond abbażi tal-effetti tal-liġi u *cioè* tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mil-liġi tal-istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzijoni *per se*, maħruġa fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awissu 2007. Infatti, r-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorità tad-Djar, ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rek-wiżizzjoni *tramite* l-mezzi ordinarji provvduti fil-liġi.
>
> »37. *Inoltre*, l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond *de quo* abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni *stante* li l-fond ilu derekwiżizzjonat minn Awissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjetà tagħhom, u li jibqgħu jipperċepixxu kera baxxa.

»38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorità tad-Djar. Jiġi ribadit li l-Awtorità tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakultà leġislattiva; kwindi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. *In vista* tas-suespost, l-Awtorità tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-leġittimu kontradittur. Konsegwentement, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."[1]

»… … …

6. L-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»3. *In linea* preliminari, l-ilmenti tar-rikorrenti sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ u maż-żamma ta' xi ordnijiet ta' rekwiżizzjoni ma jistgħux jiġu mressqa kontra l-esponent u dan għaliex hija l-Awtorità tad-Djar li skont l-artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261 tal-Liġijiet ta' Malta) assorbiet l-obbligi li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u qablu lis-Segretarju tad-Djar. Dan tenut kont ukoll illi ż-żmien li l-intimata McPherson damet tokkupa l-fond bis-saħħa tal-ordni tar-rekwiżizzjoni mhuwiex meqjus bħala kirja soġġetta għall-artikolu 44(2) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

»4. *In linea* preliminari wkoll, sabiex ir-rikorrenti jissoktaw b'din il-kawża fil-konfront tal-esponent, jeħtieġ li juru li l-intimata McPherson tabilħaqq tgawdi minn kirja li tiġġedded skont il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif jirriżulta diġà, il-fond *de quo* kien ġie derekwiżizzjonat fis-sena 2004 u, magħdud ma' dan, għall-inqas mill-kitba tar-rikors promotur, ma jirriżultax li saret kirja qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Għalhekk jekk, wara t-tneħħija tar-rekwiżizzjoni, l-inkwilina baqgħet tgħammar fil-fond b'titolu ta' kirja, dik il-kirja bħala waħda li saret wara l-1 ta' Ġunju 1995 ma tistax titqies li hija waħda li tinsab regolata bl-artikoli 3 sa 15 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk l-azzjoni konvenzjonali tar-rikorrenti kontra t-tħaddim ta' dawn l-artikoli tal-liġi ma tistax tirnexxi.

»… … …

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»... filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati konformament ma' dak hawn fuq deċiż, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

»1. tiddikjara … li l-fatti suesposti u l-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta u partikolarment l-ordni ta' rekwiżizzjoni nru 40332/78 jagħtu lok u jikkostitwixxu ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

1 Din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet riformata b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Ottubru 2021.

»2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata Awtorità tad-Djar hija responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u *cioè* danni pekunarji u non pekunarji sofferti mir-rikorrenti;

»3. tillikwida d-danni pekunarji fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€23,598) u d-danni non-pekunarji fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000);

»4. tikkundanna lill-intimata Awtorità tad-Djar tħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' tmienja u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€28,598) rappreżentanti danni pekunarji u non-pekunarji kif deċiż hawn fuq.

»Bl-ispejjeż kontra l-intimata Awtorità tad-Djar, salv għall-ispejjeż tar-rapport tal-perit tekniku nominat mill-qorti li għandhom jiġu sopportati indaqs bejn l-Awtorità tad-Djar u r-rikorrenti.«

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Fl-*affidavit* tiegħu Andrew Xuereb, in rappreżentanza tal-Awtorità tad-Djar, jgħid illi l-fond … ġie rekwiżizzjonat fl-1 ta' Frar 1978 permezz ta' ordni ta' rekwiżizzjoni numru 40332 u sussegwentament ġie allokat lil Louise McPherson fl-20 ta' Diċembru 1978, bil-kera ta' erbatax-il Lira Maltin (Lm 14) fis-sena.

»Jispjega li s-sidien kienu jaċċettaw il-kera mingħand l-istess inkwilina u għalhekk inħolqot relazzjoni bejniethom. Jgħid ukoll illi fil-31 ta' Awwissu 2004 inħarġet ordni ta' de-rekwiżizzjoni fuq il-fond fejn ġew notifikati Margaret Ebejer u Louise McPherson.

»Il-perit tekniku …, b'rapport maħluf fis-16 ta' Marzu 2022, irrelata li l-valur tal-fond in kwistjoni fis-suq liberu kien ta' tliet mija u ħamsa u sittin elf euro (€365,000).

»Bħala valur lokatizzju tal-fond, dan huwa indikat fir-rapport tiegħu kif mitlub, mis-sena 1987 sas-sena 2021, u jirriżulta illi l-kera ġusta tal-valur tal-prorpjeta' fuq is-suq kellha tkun:

| | | |
|---|---|---|
| »1987 sa 1991 | €1,178 fis-sena | €5,890 ta' ħames snin |
| »1992 sa 1996 | €1,931 fis-sena | €9,655 ta' ħames snin |
| »1997 sa 2001 | €3,449 fis-sena | €17,245 ta' ħames snin |
| »2002 sa 2006 | €4,477 fis-sena | €22,385 ta' ħames snin |
| »2007 sa 2011 | €6,958 fis-sena | €34,790 ta' ħames snin |
| »2012 sa 2016 | €6,978 fis-sena | €34,890 ta' ħames snin |
| »2017 sa 2020 | €9,237 fis-sena | €36,948 ta' erba' snin |
| »2021 | €11,680 fis-sena | €11,680 ta' sena |

»għal total ta' kera komplessiva ta' mija u tlieta u sebgħin elf, erba' mija u ħamsa u tmenin euro (€173,485) mis-sena 1987 sal-aħħar tas-sena 2021, bħala introjtu ta' kera illi kien ikun ġust u ekwu skond il-valur tal-fond fis-suq liberu.

»Il-qorti ma tħossx illi hemm raġunijiet sabiex tvarja dak stabbilit mill-perit minnha mqabbad u sejra tagħmel tagħha il-konklużjonijiet tagħha kif magħmula fir-rapport tagħha.

»... … …

»Minn naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat, jissottometti li fil-każ preżenti trid issir distinzjoni bejn żewġ perjodi fir-rigward tal-parametri tal-azzjoni.

»Jissottometti li l-ewwel perjodu huwa bejn l-1 ta' Frar 1978 u l-31 t'Awwissu 2004 meta l-fond kien protett bir-rekwiżizzjoni u għalhekk ma kinitx teżisti relazzjoni ta' kirja bejn ir-rikorrenti jew l-antekawża tagħhom u l-intimata Mcpharson u għalhekk ċertament li l-Kap. 69 ma jsib l-ebda applikazzjoni f'dan il-perjodu. In sostenn ta' dan jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Umberto Cardona *v.* L-Avukat tal-Istat et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' Novembru 2020.

»Jgħid li t-tieni perjodu huwa mill-1 ta' Settembru 2004 sallum u b'referenza għas-sentenza fuq ċitata kif ukoll għas-sentenza tal-istess qorti fl-ismijiet Alexander Xuereb *et v.* Vincent Kiomall et deċiża fis-17 ta' Frar 2022 jissottometti li matul il-perjodu fejn ikun hemm rekwiżizz-joni fis-seħħ ma hemmx kirja fis-sens tal-Kap 69. Jispjega li l-qorti fl-istess sentenza kompliet tispjega kif jista' jagħti l-każ li wara li fond ikun ġie rekwiżizzjonat u mbagħad derekwiżizzjonat tista' tipperdura l-protezzjoni tal-Kap. 69 iżda dan iseħħ biss meta s-sid ikun irrikonoxxa lill-kerrej skont id-dettami tal-artikolu 8 tal-Kap. 125 jew għax wara d-derekwiżizzjoni l-okkupant ikun baqa' jirrisjedi fil-fond u s-sid baqa' jaċċetta l-kera u għalhekk titqies li nħolqot kirja f'dik id-data u jsegwi għalhekk li fil-każ odjern ma nġiebet l-ebda prova li seħħet il-proċedura taħt l-artikolu 8 tal-Kap 125 u għalhekk il-kirja bdiet fl-1 ta' Settembru 2004 u għalhekk mhijiex protetta mill-Kap 69.

»… … …

»Minn tagħhom l-intimata Awtorità tad-Djar ... ... ... Issostni li l-Awtorità tad-Djar ma tista' bl-ebda mod tinżamm responsabbli dwar il-fatt li l-proprjetà baqgħet okkupata mill-intimata McPherson wara li ġiet irtirata l-ordni ta' rekwiżizzjoni. Isegwi li la darba r-rikorrenti qatt ma kienu kkontestaw l-ordni meta kienet *in vigore*, allura kienu aċċettaw dan l-istat ta' fatt. Iżda l-lanjanza tar-rikorrenti tikkonċerna l-fatt li l-liġi ffriżat il-kera u r-relazzjoni bejn il-partijiet u dan ċertament li ma jistax jiġi attribwit lill-istess awtorità u għalhekk tissottometti li mhix il-leġittimu kontradittur f'din il-vertenza.

»*Oltre* minn hekk, l-irwol tal-Awtorità tad-Djar ġiet konkluż la darba ħarġet l-ordni ta' derekwiżizzjoni. In sosten ta' dan tagħmel referenza għas-sentenza Michael Farrugia *v.* Avukat tal-Istat *et* deċiża fl-4 ta' Mejju 2021.

»… … …

»Stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imqajjma mill-intimati fir-risposti tagħhom.

»… … …

»Eċċezzjoni dwar il-leġittimu kontradittur

»L-Avukat tal-Istat fit-tielet eċċezzjoni tiegħu jeċeppixxi li sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ u maż-żamma ta' xi ordinijiet ta' rekwiżizzjoni ma jistgħux jiġu mressqa ilmenti kontra l-istess minħabba li kienet l-Awtorità tad-Djar li assorbiet l-obbligi li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali.

»… … …

»Qari tar-rikors promotur juri illi mhux il-liġi qed tiġi attakkata iżda l-ordni ta' rekwiżizzjoni u l-effetti tagħha li hi l-lokazzjoni lill-intimata McPherson liema kirja għadha viġenti sallum filwaqt li l-ordni ta' rekwiżizzjoni ġiet revokata fis-sena 2004.

»Isegwi li la r-rikorrenti qegħdin jattakkaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni, il-leġittimu kontradittur hija l-Awtorità tad-Djar ta' lanqas għall-perjodu sakemm kienet għadha in vigore tali ordni. F'dan ir-rigward ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 t'Ottubru 2020 fl-ismijiet <u>Michael Farrugia *et v.* L-Avukat Ġenerali *et*</u> fejn ġie kkonsidrat dan il-punt fir-rigward ta' ċirkostanzi prattikament identiċi, u ġie spjegat illi:

> »"9. Kienet l-Awtorità intimata llum appellata li oriġinarjament ħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni fis-26 ta' Frar 1975 u kienet l-istess awtorità li sussegwentement allokat il-fond in kwistjoni b'titolu ta' kera lill-intimata l-oħra Grace Ciantar fit-18 ta' Mejju 1981. Huwa minnu fl-20 ta' Awwissu 2007 l-imsemmija awtorità neħħiet ir-rekwiżizzjoni u illum l-intimati Grace Ciantar u binha Renald Ciantar għadhom jokkupaw l-istess fond unikament taħt il-protezzjoni tal-Kap. 69. Iżda dan ma jfissirx li l-awtorità ma għandiex twieġeb, għall-inqas *in parte*, għall-ksur lamentat mir-rikorrenti ladarba kienet hi li għabbiet il-fond bl-inkwilinat in kwistjoni.
>
> »"10. Kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel qorti, m'huwiex minnu li l-ebda talba fir-rikors promotur ma tirreferi għall-awtorità intimata. L-ewwel talba tar-rikorrenti hija waħda wiesgħa u tirreferi għall-fatti kollha li wasslu għall-ksur lamentat, *inter alia* l-ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġ mill-Awtorita` intimata. Mhuwiex għalhekk eskluż, f'każ ta' sejbien ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, li l-istess Awtorita` tiġi kundannata tħallashom danni pekunarji u/jew non-pekunarji, kif mitlub fil-ħames talba."

»Din il-qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha. La darba l-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità tad-Djar, isegwi għalhekk li r-rappreżentanza tal-Gvern tispetta lill-istess Awtorità.

»… … …

»Mill-atti l-qorti m'għandha l-ebda dubju li l-pedament tal-kawża odjerna huwa r-riperkussjonijiet legali tal-ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mill-Gvern *tramite* d-dipartiment responsabbli mid-djar. Il-proċedura odjerna m'hijiex intiża sabiex tattakka l-validità tal-Kapitolu 125, Att dwar id-Djar, li a bażi tagħha nħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni in diżamina u lanqas biex l-imsemmija liġi tiġi dikjarara li qiegħda tikser il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni.

»Mill-artikolu 3 tal-Kapitolu 125 jidher ċar li l-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni taqa' fir-responsabbiltà tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali u huwa hu biss li jista' joħroġ tali ordnijiet:

»… … …

»Din il-qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Carmelo Grech *et v.* Awtorità tad-Djar *et*</u> deċiża fit-12 ta' Frar 2016 mill-Qorti Kostituzzjonali:

> »“5. Konvenut f’din il-kawża la huwa l-awtorità intimata u lanqas l-Avukat Ġenerali; il-konvenut huwa l-Gvern ta’ Malta u, jekk għandu jingħata rimedju mill-Gvern ta’ Malta, kull ma hu meħtieġ hu illi l-gvern ikun rappreżentat fil-kawża. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk għandux ikun imħarrek l-Avukat Ġenerali jew l-awtorità intimata, iżda min għandu jidher f’isem il-Gvern ta’ Malta. Dwar dan, il-liġi, fl-art. 181B tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija ċara: f’isem il-Gvern ta’ Malta jidher il-“kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni”; jidher l-Avukat Ġenerali f’isem il-Gvern ta’ Malta biss “f’dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern”.
>
> »“6. Fil-każ tal-lum l-ilment tal-atturi huwa dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ ta’ ordni ta’ rekwiżizzjoni, materja llum fil-kompetenza tal-awtorità intimata li, għalkemm mhix dipartiment tal-gvern, għand-ha r-responsabilità ta’ setgħat governattivi u għalhekk tintlaqat bl-art. 181B fuq imsemmi.
>
> »“7. Għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun imħarrek ukoll bħala parti l-Avukat Ġenerali; kull ma kien meħtieġ kienet biss in-notifika tiegħu.”

»Fid-dawl ta’ dak li tipprovdi l-liġi kif ukoll il-ġurisprudenza, din il-qorti tikkonkludi li m’hemmx il-ħtieġa li jipparteċipa l-Avukat tal-Istat u għalhekk tilqa t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

»Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità tad-Djar li mhiex il-leġittimu kontradittur ser tiġi miċħuda, filwaqt li t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li mhuwiex il-leġittimu kontradittur ser tiġi milqugħa limitatament sa fejn huwa kkonċernat l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti permezz tal-Kap 125 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni in kwistjoni.

»… … …

»L-inapplikabbilità tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili

»L-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi l-intimata McPherson ma tgawdix minn kirja li tiġġedded skont il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta għaliex ma jirriżultax li saret kirja qabel l-1 ta’ Ġunju 1995 u għalhekk il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili ma japplikawx, u dan fid-dawl tal-artikolu 44(2) tal-Kapitolu 69.

»Il-qorti rat li mix-xhieda ta’ Andrew Xuereb jirriżulta illi l-fond in kwistjoni kien ilu rekwiżizzjonat mill-1978 u illi l-intimata McPherson bdiet tirrisjedi fil-fond in kwistjoni wara li dan ġie allokat lilha mill-Awtorità tad-Djar u sar ftehim relattiv bejna u bejn l-awtorità f’dak iż-żmien.

»Jirriżulta wkoll illi fir-rigward tal-istess fond kien inħarġet ordni ta’ derekwiżizzjoni fil-31 t’Awwissu 2004, u illi l-intimata McPherson baqgħet tirrisjedi fl-istess fond u tħallas kera lis-sid, u dan skont ma jirriżulta mill-*affidavit* tar-rikorrenti Salvina Ebejer.

»Il-qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet Umberto Borg Cardona *v.* l-Avukat Ġenerali *et* deċiża fit-18 ta’ Novembru 2020, fejn il-qorti kkonkludiet is-segwenti:

> »"It-terminu 'kirja' għall-finijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jinsab definit fl-artikolu 44 ta' din il-liġi. It-tieni sub-inċiż ta' dan l-artikolu imbagħad jipprovdi illi:
>
> > »"'Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għat-tqegħid ta' nies mill-Gvern f'fondi rekwiżizzjonati.'
>
> »"Għalhekk huwa car li l-artikolu 44(2) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta espressament jeskludi l-possibilità li l-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni mill-intimata Farrugia titqies bħala kirja. Minn dan għandu jsegwi għalhekk illi din l-okkupazzjoni ma kinitx regolata permezz tad-dettami tal-Kapitolu 69 ta' Liġijiet ta' Malta.
>
> »"Fil-fatt, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet <u>Charles Vella *v.* Henry Brincat</u> (App., 23/05/1969) illi: '... li jinholoq rapport bejn id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u l-persuna akkomodata mhuwiex rapport ta' lokazzjoni vera u proprja iżda rapport *sui generis* regolat mill-*Housing Act*" (ara wkoll <u>Stanley Parker *v.* Francis Xavier *sive* Franco Borg *et*</u>, (PA, 25/02/2016); <u>Janice Baldacchino *v.* Mary Grace Ellul</u> (PA, 31/10/2017)).
>
> »"Għalhekk, almenu sad-data ta' meta ġie derekwizizzjonat il-fond mertu ta' din il-kawża, u *cioè* sad-29 ta' Settembru 2006 ma kien hemm l-ebda kirja bejn is-sid tal-fond u l-konvenuta Farrugia. Ir-relazzjoni ġuridika ta' Farrugia kienet mal-Awtorità tad-Djar u kienet regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar id-Djar) u mhux bid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69. Dan ifisser ukoll illi, kif sewwa eċċepixxa l-Avukat tal-Istat, l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddx għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni mill-konvenuta Farrugia, peress illi ma jirriżultax illi kien hemm kirja favur Farrugia qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Għaldaqstant il-qorti tqis li din l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat għandha mis-sewwa, u konsegwentement qed tiġi milqugħa."

»Din il-qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

»Għaldaqstant, ser tgħaddi biex tilqa` l-eċċezzjoni kif dedotta mill-Avukat tal-Istat u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet relatati mal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:

»L-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-qorti tiddikjara li l-fatti premessi jagħtu lok għal vjolazzjoni ... tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

»Għal dak li jirrigwarda ... ... ... l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kif diġà ġie kkonsiderat hawn fuq, dan ma japplikawx f'dawn iċ-ċirkostanzi.

»Għalhekk din il-qorti sejra issa tikkonsidra jekk seħħitx vjolazzjoni *ai termini* tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni sa fejn huma kkonċernati d-disposizzjonijiet tal-Kap 125 u l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni nru 40332/78...

»... … …

»… … … il-qorti … … … tikkonsidra li d-disposizzjonijiet dwar t-tiġdid awtomatiku tal-kera u l-kontroll fl-ammont ta' kera huma miżuri maħsuba biex jikkontrollaw l-użu u t-tgawdija tal-proprjetà. Fil-każ tal-llum jirriżulta illi l-ordni ta' rekwiżizzjoni ħarġet fl-1978, meta l-antekawża tar-rikorrenti ma kellhom ebda għażla ħlief li jċedu l-

pussess tal-proprjetà tagħhom lis-Segretarju tad-Djar bil-konsegwenza li l-proprjetà ġiet mikrija lil terzi mhux tal-għażla tagħhom u bi prezz stabbilit mill-istess segretarju.

»Dan l-istat (*state of affairs*) ta' nuqqas ta' għażla kienet realtà f'pajjiżna li baqghet tippersisti sa żmienijiet riċenti. L-iżvolta waslet wara numru ta' sentenzi kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn ġie ddikjarat li l-applikazzjoni tal-liġijiet speċjali tal-kera kienu jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tas-sidien.

»Irid jingħad illi hawnekk mhux in diskussjoni d-dritt tal-istat li permezz ta' leġislazzjoni jikkontrolla l-użu tal-proprjetà meta dan ikun fil-interess pubbliku. Fl-istess waqt l-istat huwa obbligat juri li fl-applikazzjoni ta' dik il-leġislazzjoni jkunu qed jinżammu bilanċ u proporzjonalità bejn l-interess ġenerali u l-interess privat.

»Issa, jirriżulta li tul il-perjodu li l-proprjetà *de quo* kienet rekwiżizz-jonata, ir-rikorrenti kienu jirċievu l-kera ta' tmienja u għoxrin Lira Maltin (Lm 28) fis-sena. Mir-rapport tal-perit tekniku jirriżulta mingħajr dubju li din l-kera li kienet titħallas mill-intimata McPherson sakemm il-proprjetà kienet rekwiżizzjonata hija ħafna inferjuri għal kera fis-suq. Il-perit tekniku stima li l-valur lokatizzju tal-fondi fis-sena 2004, *cioè* meta ħarġet l-ordni ta' derikwiżizzjoni, kien ta' erbat elef, erba' mija u sebgħa u sebgħin euro fis-sena (€4,477).

»Huwa għalhekk ċar għal din il-qorti li l-piż li kellhom iġorru r-rikorrenti kien sproporzjonat u eċċessiv u d-drittijiet kostituzzjonali u kon-venzjonali tal-atturi sanċiti permezz tal-artikolu wieħed tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ġew ampjament leżi. Ir-rikorrenti kienu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom bla ma ngħataw kumpens xieraq.

»Għaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrenti, fejn din tirrigwarda dikjar-azzjoni li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom sa fejn huma kkonċernati d-disposizzjonijiet tal-Kap 125 u l-ordni ta' rekwizizzjoni, u partikolarment, kif stabbilit, tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ser jiġu milqugħa minn din il-qorti.

»Rimedji

»Ir-rikorrenti talbu li jingħataw ir-rimedji kollha li din il-qorti jidhrilha xierqa.

»F'dan ir-rigward, la darba nħarġet l-ordni ta' derekwiżizzjoni fl-2004 u la darba din il-qorti hija tal-fehma li, għar-raġunijiet fuq esposti, il-kirja *de quo* mhix waħda li taqa' fil-parametri tal-Kap 69, din il-qorti hi tal-fehma li l-ebda rimedju li jirrilaxxa l-proprjetà` mhu neċessarju fiċ-ċirkostanzi minħabba li l-proprjetà` mhix soġġetta għall-kirja protetta la taħt Ordni ta' Rekwiżizzjoni jew il-Kap 125 u/jew il-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Il-likwidazzjoni tal-kumpens

»… … …

»… … …meta l-qorti tiġi biex tillikwida l-kumpens, hija m'għandhiex toqgħod biss fuq id-diskrepanza bejn l-kera perċepita u l-valur lokatizzju tal-fond fuq is-suq ħieles. Fatturi oħra li jiddeterminaw l-entità tal-kumpens huma:

»i. l-interess ġenerali li jilleġittimizza l-intervent leġislattiv;

»ii. l-isproporzjon tal-kera attwalment mħallsa lir-rikorrenti u dak li seta' ipperċepixxew fis-suq ħieles;

»iii. iż-żmien li r-rikorrenti damu jġarrbu l-istat ta' sproporzjon;

»iv. il-fatt li r-rikorrenti baqgħu jaċċettaw l-ħlas tal-kera

»v. iż-żmien li fih r-rikorrenti baqgħu passivi bla ma ħadu azzjoni.

»vi. l-inerzja tal-istat meta baqa passiv għal snin twal sabiex jipprova jirrimedja s-sitwazzjoni.

»Minħabba l-fatt li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi u l-isfond tiegħu, huwa naturali li ma hemmx uniformità fil-*quantum* tal-kumpens li jiġi likwidat mill-qrati tagħna minn każ għal każ. Din il-qorti tikkonsidra li l-leżjoni fil-konfront tar-rikorrenti bdiet mill-1987 u spiċċat fil-31 ta' Awwissu 2004.

»… … …

»Fil-każ ta' Cauchi *v.* Malta, deċiż mill-QEDB fil-25 ta' Marzu 2021 ingħad li:

»"… … …"

»Issa, il-valur lokatizzju li ngħata mill-perit tekniku tal-fond fil-perjodu minn Jannar tas-sena 1987 sa Awwissu 2004, meta ħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni [*recte*, derekwiżizzjoni] kien ta':

»1987 – 1991: ħamest elef, tmien mija u disgħin euro (€5,890);

»1992 – 1996: disat elef, sitt mija u ħamsa u ħamsin euro (€9,655)

»1997 – 2001: sbatax-il elf, mitejn u ħamsa u erbgħin euro (€17,245)

»2002 – 2004 (sa Awwissu): ħdax-il elf, disa' mija u disgħa u tletin euro (€ 11,939).

»Isegwi għalhekk li mis-sena 1987 sas-sena 2004, il-kera globali ġusta kienet tkun fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, seba' mija u disgħa u għoxrin euro (€44,229).

»Effettivament ir-rikorrent rċievew is-somma ta' elf, mija u sebgħin euro (€1,170), li turi l-iżbilanc u sproporzjon evidenti.

»Fid-dawl ta' dan kollu, u b'referenza wkoll għall-insenjament hawn fuq riprodott, din il-qorti hija tal-fehma li l-kumpens pekunarju għandu jkun ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€23,598) u li l-kumpens non-pekunarju għandu jkun ta' ħamest elef euro (€5,000).

»Il-kumpens pekunjarju huwa maħdum hekk:

»€44,229 - €13,269 (30% għall-interess ġenerali) = €30,960

»€30,960 - €6,192 (20% għall-possibbli perjodu mhux mikri) = €24,768

»€24,768 - €1,170 (kera perċepita kif fuq maħdum) = €23,598.«

9. L-atturi appellaw b'rikors tas-7 ta' Marzu 2023 li għalih wieġbu l-awtorità konvenuta fis-17 ta' Marzu 2023 u l-Avukat tal-Istat fl-20 ta' Marzu 2023.

B'nota tat-3 ta' Jannar 2024 l-atturi ċedew il-kawża safejn tolqot lill-konvenuta McPherson.

10. L-appell tal-atturi jolqot il-perjodu li matulu seħħ il-ksur, u li dwaru għalhekk għandu jiġi likwidat il-kumpens. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »1) B'konsegwenza tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja li l-fond ġie derekwiżizzjonat fis-sena 2004, b'konsegwenza ta' din ir-rekwiżizzjoni, l-inkwilina McPherson għadha tgawdi l-pussess tal-fond in kwistjoni u għalhekk l-Avukat tal-Istat u / jew l-Awtorità tad-Djar għandhom iħallsu d-dannu kollhu sal-11 ta' Novembru 2021 u mhux limitatament sas-sena 2004, kif deċiż mill-ewwel qorti.
>
> »2) Biex titneħħa d-derekwiżizzjoni l-appellanti ġew obbligati biex jirrikonoxxu lill-inkwilina preżenti billi jibdew jaċċettaw il-kera mingħandha … … …
>
> »3) Dan ukoll juri li l-appellanti ma kellhomx il-volontà libera biex jaċċettaw l-istess inkwilina imma kienet kundizzjoni imposta fuqhom mill-istess Awtorità tad-Djar u għalhekk d-danni sofferti kif jirriżultaw mir-rapport tal-perit tekniku għandhom jiġu likwidati fl-intjier tagħhom u għaż-żmien kollu, inkluż bejn is-sena 2004 u 2021.
>
> »4) Jekk din il-Qorti Kostituzzjonali tħoss illi l-Awtorità tad-Djar mhiex responsabbli biex tħallas id-dannu mis-sena 2004 sas-11 ta' Novembru 2021, sofferti mill-istess appellanti, l-appellanti ċċitat lill-Avukat tal-Istat fil-kawża odjerna proprju sabiex jirrispondu għaż-żmien ta' wara d-derikwiżizzjoni sal-preżentata tar-rikors odjern u dan qiegħed jingħad biss *in subsidium* għaliex l-appellanti jippretendu illi l-okkupazzjoni tal-intimata McPherson tul iż-żmien kien b'konsegwenza ta' din l-ordni ta' rekwiżizzjoni u għalhekk għandu jitħallas l-kumpens taż-żmien mit-2004 sas-sena 2021 mill-istess Awtorità tad-Djar.
>
> »5) Fid-deċiżjoni tal-ewwel qorti l-ispjegazzjoni għalfejn l-istess qorti ma llikwidat ebda kumpens għaż-żmien mis-sena 2004 sas-sena 2021 ma jagħmel ebda sens u ġie deċiż b'mod differenti minn din il-qorti kemm-il darba, għaliex ikkunsidrat il-fatt illi l-okkupazzjoni tal-inkwilina McPherson hija frott tal-ordni tar-rekwiżizzjoni maħruġa mill-Awtorità tad-Djar, ir-rikorrenti m'għandhomx isofru t-telf ta' kera ġusta miż-żmien wara d-derikwiżizzjoni. Għalhekk dan huwa l-bażi tal-aggravju tal-appellanti odjerni. M'huwiex ġust illi l-istess rikorrenti ma jirċevux kumpens għaż-żmien mis-sena ta' derekwiżizzjoni *ossia* 2004 sal-preżentata tar-rikors odjern, meta huma kienu kostretti illi jirrikonoxxu l-inkwilina McPherson. Dan kollu ġie deċiż fil-kawża <u>Erika Gollcher *v.* Avukat tal-Istat</u>, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) 22 ta' Ġunju tas-sena 2021, kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tat-26 ta' Jannar 2022. Il-qorti qalet s-segwenti:-
>
> > »"Il-qorti tosserva illi dan l-argument tal-Avukat tal-Istat huwa fallaċi u ma jistax ireġġi. Jiġi osservat li l-inkwilin Charles Schembri kien ilu jirrisjedi fil-fond b'kera irriżorja għal perjodu twil ta' snin minn meta l-fond kien għadu rekwiżizzjonat. Għalhekk, evidentement, ma jista' qatt jingħad li din hija kirja li saret wara l-1

ta' Ġunju 1995. Fil-każ in eżami, kien hawn tiġdid awtomatiku ta' lokazzjoni, li seħħ bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-liġijiet, fosthom il-Kap. 69. Għalhekk, dak li għandu jiġi mistħarreġ huwa jekk dawn il-provvedimenti tal-liġi, li qed jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-inkwilin, humiex jikkawżaw ksur tad-drittijiet fondamentali abbażi tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea."

»6) Din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Charles Bugeja *v.* Awtorità tad-Djar *et* (rikors nru 199/2021/1) deċiża fit-22 ta' Ġunju 2022 iddeċidiet illi l-atti għandhom jiġu rimessi lura in prim'istanza għas-seduta tat-3 ta' Mejju 2023 (biex fil-frattemp ġew kjamati in kawża l-Avukat tal-Istat) u għalhekk iddeċidiet illi jiġi irrevokat din it-tali sentenza u ordnat il-kjamat in kawża tal-Avukat tal-Istat biex b'hekk f'dan il-każ bl-istess mod għandu jiġi segwit dan l-insenjament f'din il-kawża, fejn l-ewwel qorti tillikwida l-kumpens għaż-żmien mis-sena ta' derikwiżizzjoni *ossia* 2004 sal-preżentata tar-rikors odjern għaliex l-appellanti m'għandhomx jiġu miċħuda li jirċievu d-dannu kollu għall-perjodu mis-sena 2004 sad-data tal-preżentata tar-rikors odjern, *ossia* it-27 ta' Mejju, 2021. Fil-każ odjern, l-Avukat tal-Istat kien diġà parti u għalhekk m'għandux jiġi kjamat in kawża.

»7) Fil-fatt hemm kawża pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera differita għas-sentenza fit-28 ta' April 2023 rik. nru 815/2021 fl-ismijiet Salvina Ebejer *et v.* Luigia sive Louise McPherson *et* fejn l-inkwilina ppreżentat it-test tal-mezzi u għalhekk ma ġie kontestat ebda mertu rigwardanti l-kirja.

»8) Il-pagament tal-kera awmentata qiegħed isir abbażi tal-Att XXIV tal-2021 biex b'hekk dan juri wkoll illi din kienet okkupazzjoni abbażi ta' rekwiżizzjoni li bdiet isseħħ qabel l-1 ta' Ġunju 1995 b'rekwiżizzjoni imposta fuq is-sidien fis-1 ta' Frar 1978 b'ordni ta' rekwiżizzjoni numru 40332 sabiex, konsegwentement għal din ir-rekwiżizzjoni, l-appellanti baqgħu isofru telf kif fuq ingħad sal-lum.

»9) It-telf li huma għamlu sa dan il-perjodu kif jirriżulta min-nota t'osservazzjonijiet tagħhom wara li wieħed jieħu in kunsiderazzjoni id-deċiżjoni ta' Cauchi *v.* Malta deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021 m'għandix tkun anqas minn €79,648 oltre danni morali li m'għandhomx ikunu anqas minn €10,000.

»10) Għalhekk is-sentenza fuq imsemmija għandha tiġi riformata u / jew *in subsidium* l-atti rimessi in prim'istanza biex jiġi likwidat ukoll kumpens għaż-żmien mis-sena ta' derikwiżizzjoni *ossia* 2004 sal-preżentata tar-rikors odjern, fejn l-Avukat tal-Istat u / jew l-Awtorità tad-Djar jiġu ordnati jħallsu d-dannu soffert mill-appellanti li huwa kon-segwenza tal-ordni ta' rekwiżizzjoni kif maħruġa fl-1978 liema effetti tagħha baqgħu jissussistu wara d-derikwiżizzjoni fl-2004 u għalhekk l-Awtorità tad-Djar u / jew l-Avukat tal-Istat għandhom iħallsu d-dannu kollu soffert mill-istess appellanti tul iż-żmien *ossia* sal-preżentata tar-rikors odjern.«

11. L-Awtorità tad-Djar wieġbet hekk:

»In suċċint, l-aggravju tar-rikorrenti f'dan l-appell huwa li l-attur kellu jingħata kumpens akbar. L-appellant qed jitlob li flok €28,598 danni

pekunjarji u non-pekunjarji għandu jingħata €89,648 danni pekunjarji u non-pekunjarji.

»L-attur jiddefinixxi l-ordni ta' rekwiżizzjoni bħala inġusta u abbużiva – imma xejn minn dan ma ġie pruvat. Il-qorti sabet li kien il-kumpens mogħti li ma kienx suffiċjenti u mhux il-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni.

»Issa l-appellant qed jitlob €89,648 flok €28,598 bħala danni pekunjarji għax skont hu l-formola maġika ma ġietx meqjusa *ad litteram*. U dan meta s-sentenzi jindikaw li anke din il-formula hija biss indikattiva. Ukoll qed iqis li d-danni non-pekunjarji għandhom jingħataw f'kull każ daqs li kieku l-għoti tagħhom kien obbligatorju. U dan meta anke l-qrati stess jindikaw li fejn ma jkunx hemm leżjoni morali, u *cioè* fejn ma jiġix pruvat li l-atturi ikunu sofrew tbatija sostanzjali minħabba fil-qligħ baxx li jkunu għamlu, allura ebda kumpens morali u ebda danni non-pekunjarji ma għandhom ikunu dovuti.

»... … … …

»Il-fatti saljenti:

»• l-ordni ta' rekwiżizzjoni 40332 fuq il-fond … ħarġet fl-1 ta' Frar 1978;

»• fl-20 ta' Diċembru 1978 is-sidien għamlu kuntratt ta' kera ma' Louise McPherson;

»• il-kera kienet titħallas direttament lis-sidien li kienu jaċċettawha;

»• l-ordni ta' derekwiżizzjoni ħarġet fil-31 ta' Awwissu 2004 u ġew notifikati Margaret Ebejer u Louise McPherson

»… … …

»Fejn il-permanenza fil-post ġejja mill-liġi u mhux minn ordni ta' rekwiżizzjoni ma għandhiex tbati l-Awtorità tad-Djar

»6. Minn qari tal-atti ta' din il-kawża, huwa manifest li l-kontestazzjoni prinċipali tar-rikorrent tiċċentra dwar il-fatt li dan il-fond baqa' okkupat mill-intimati u dan bħala r-residenza ordinarja tagħhom. Ir-relazzjoni bejn sid u kerrej hija regolata mill-liġi tal-istat. Huwa sewwasew a tenur tal-liġi li l-inkwilina tgawdi minn titolu ta' lokazzjoni residenzjali fuq il-fond *de quo*. Semmai, jekk ir-rikorrenti huwa leż mill-effetti tal-liġi u *cioè* tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' dan l-istat ta' fatt ma tistax twieġeb l-awtorità esponenti. L-awtorità mhijiex leġislatur.

»7. Is-sehem illi l-Awtorità tad-Djar qatt seta' kellha fil-fatt lanjati mir-rikorrenti huwa wieħed limitat għaż-żmien li kienet fis-seħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni. Tajjeb jingħad li r-rikorrenti qatt ma ittenta jikkontesta l-ordni ta' rekwiżizzjoni *tramite* l-mezzi ordinarji li tipprovdi l-liġi. Din l-inazzjoni minn naħa tar-rikorrenti matul iż-żmien twassal għall-konklużjoni illi f'dak iż-żmien, ir-rikorrenti kien aċċetta l-istat ta' fatt u kien kuntent bir-renditu lokatizzju illi beda jiġġenera l-fond tant li kien qiegħed jirċievi l-kera direttament mingħand l-inkwilini. Jidher li l-akbar parti tal-problema lanjata mir-rikorrenti tikkonċerna l-fatt li l-liġi iffriżat il-kera u r-relazzjoni bejn il-partijiet. F'dan il-kuntest, ikompli jikber id-dubbju dwar ir-rilevanza tal-Awtorità tad-Djar bħala leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni ladarba mhijiex u qatt ma kienet vestita b'ebda fakoltà leġislativa.

»8. Huwa allura ċar li l-pretensjonijiet u t-talbiet vantati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt (għal anqas fejn jikkonċerna lill-awtorità esponenti) u *multo magis* jirriżulta wkoll li huma kellhom rimedji oħrajn disponibbli lilhom iżda li huma naqsu milli jużufruwixxu minnhom. Għaldaqstant, jiġi sottomess illi dina l-qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom possibilment anke bl-applikazzjoni tal-*proviso* għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Wara il-ħruġ tad-derekwiżizzjoni ma hemm ebda leżjoni ulterjuri li għaliha għandha tħallas l-Awtorità tad-Djar

»9. Intant l-Awtorità tad-Djar fil-31 ta' Awwissu tas-sena 2004 ħarġet ordni ta' derekwiżizzjoni – u allura wara l-ħruġ tal-ordni ta' derekwiżizzjoni għall-proprjetà tal-kawża in kwistjoni, ma jista' jkun hemm ebda leżjoni ta' dritt kostituzzjonali peress li l-ordni ta' rekwiżizzjoni lanjat mill-atturi ma kinitx għadha teżisti. L-appellanti jippruvaw jgħidu li huma ġew sfurzati biex jaċċettaw il-kirja, imma dan mhux minnu u ma hemm ebda prova dwar dan. L-atturi kienu liberi li jipproċedu fil-qrati ordinarji mingħajr l-ixkiel tal-ordni ta' Rekwiżizzjoni.

»10. Dan il-punt ġie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' <u>Michael Farrugia *v.* Avukat tal-Istat *et*</u> (rik. 78/16; deċiża 4 ta' Mejju 2021). Fil-fatt is-sentenza tgħid hekk:

> »"36. Fl-ewwel lok, jiġi puntwalizzat, li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond, abbażi tal-effetti tal-liġi u cioe' tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mill-liġi tal-Istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzjoni per se, maħruġa fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awissu 2007. Infatti, r-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorita' Tad-Djar, ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni tramite l-mezzi ordinarji provduti fil-liġi.
>
> »37. *Inoltre*, l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond *de quo* abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni *stante* li l-fond ilu derekwiżizzjonat minn Awissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjetà tagħhom, u li jibqgħu jipperċepixxu kera baxxa.
>
> »38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorità tad-Djar, Jiġi ribadit li l-Awtorità tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakultà leġislativa; kwndi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. *In vista* tas-suespost, l-Awtorità tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-leġittimu kontradittur. Konsegwentement, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."

»L-atturi appellanti jgħidu li l-ewwel qorti kienet bla sens meta ikkal-kolat id-danni pekunjarji sas-sena 2004. … … …

»… … …

»L-esponenti issostni li ma hemm xejn bla sens f'dan ir-raġunament. L-ewwel qorti kienet tal-fehema li wara l-ħruġ tal-ordni ta' derek-wiżizzjoni ma kienx japplika il-Kap. 69; mela il-fond ma kienx għadu protett la bil-Kap. 125 u la bil-Kap. 69. Issa għall-inazzjoni tal-atturi ma

għandu jaħti la l-istat u la l-Awtorità tad-Djar. Għalhekk ebda kumpens ma għandu jiġi kunsidrat wara l-2004.

»… … …

»Kollox ma kollox is-sentenza appellata ma għandhiex tiġi disturbata. Hija sentenza tajba u t-talba għal żieda minima fil-kumpens tikkonferma kemm hija kappriċċuża u magħmula biss għax l-appell huwa tant irħis għall-atturi. Dan l-appell għandu l-elementi kollha ta' appell frivolu magħmula minn min ma għandux x'jitlef.

»Għaldaqstant dan l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.«

12. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»3. … … … fir-rigward tal-protezzjoni tal-Kap. 69, l-esponent jerġa' jagħmel referenza għas-sentenza <u>Alexander Xuereb *et v.* Vincent Kiomall *et*</u> (nru 156/2020, deċiża 17 ta' Frar 2022) u għas-sentenza <u>Umberto Borg Cardona *v.* L-Avukat tal-Istat *et*</u> (nru 195/2019, deċiża 18 ta' Novembru 2020) fejn ġie kkunsidrat illi fil-perjodu fejn ikun hemm rekwiżizzjoni fis-seħħ ma hemmx kirja fis-sens tal-Kap. 69.

»4. Fil-każ odjern ma jirriżulta minn imkien li l-proċedura kontemplata fl-artikolu 8 tal-Kap. 125 seħħet. Jirriżulta però li wara d-derekwiżizzjoni tal-fond Louise McPherson baqgħet tirrisjedi fih u r-rikorrent kien qed jaċċetta l-kera. Għalhekk jista' jitqies li nħolqot kirja bejn ir-rikorrent u Louise McPherson fid-data tad-derekwiżizzjoni, *cioè* fil-31 ta' Awissu 2004. Peress li l-kirja saret wara l-1 ta' Ġunju 1995 mela allura ma tissussistix protezzjoni skond l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

»5. *Di più* u matul is-snin ir-rikorrenti dejjem kellhom id-dritt li jressqu proċeduri ċivili sabiex jiżgombraw lill-istess McPherson (*vide* 444/2017 fl-ismijiet <u>Vella *sive* Vella-Baldacchino Joseph *et v.* Falzon John *et*</u> u s-sentenza parzjali mogħtija fil-mori tal-istess kawża quddiem il-qrati ċivili).

»6. Minn imkien ma joħroġ illi r-rikorrenti appellanti kellhom jirrikonoxxu lill-inkwilina McPherson bħala kundizzjoni sabiex tiġi tterminata r-rekwiżizzjoni. Allura wieħed jassumi illi l-istess inkwilina ġiet rikonoxxuta għaliex dak li xtaqu jagħmlu r-rikorrenti u dan speċjalment meta wieħed jikkunsidra illi d-derekwiżizzjoni seħħet fl-2004 u *cioè* 9 snin wara l-bdil leġislativ relatat mal-liġijiet tal-kera tal-1995.

»… … …

»8. Mingħajr l-ebda preġudizzju, jekk kien hemm effett fuq id-drittijiet tar-rikorrenti frott l-ordni ta' rekwiżizzjoni u l-eventwali derekwiżizzjoni, kwalunkwe dannu kkawżat wara d-data ta' derekwiżizzjoni, liema huwa kkuntestat u rrifjutat mill-ewwel qorti, mhux imputabbli għall-aġir tal-esponent Avukat tal-Istat *stante* li l-istess ma kellu l-ebda involviment f'tali ordnijiet imsemmija.

»9. Konsegwentement mhux meritat li l-aggravji imressqa jiġu milqugħa. L-esponent [*recte*, l-appellanti] ma ressaq l-ebda argument divers għall-kunsiderazzjonijiet mogħtija mill-ewwel qorti u konsegwentement l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

13. Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk, sa ma l-fond ġie derekwiżizzjonat, kienx hemm kirja bejn l-atturi u l-konvenuta McPherson li kompliet tiġġedded bis-saħħa tal-Kap. 69 wara d-derekwiżizzjoni, jew jekk il-kirja nbdietx bi ftehim ħieles bejn l-atturi u l-konvenuta hekk kif inħarġet l-ordni ta' derekwiżizzjoni fl-2004 u għalhekk ma tintlaqatx bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69.

14. L-ewwel qorti qalet illi ma kienx hemm kirja qabel id-derekwiżizzjoni minħabba f'dak li jgħid l-art. 44 tal-Kap. 69:

> »**44.** (2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu [dwar xi ftehim jitqies li huwa kiri] ma jgħoddux għat-tqegħid ta' nies mill-Gvern f'fondi rekwiż-izzjonati.«

15. Din id-disposizzjoni iżda tolqot "it-tqegħid ta' nies mill-Gvern f'fondi rekwiż-izzjonati" u mhux ir-relazzjoni bejn sid-il-kera u kerrej. Fi kliem ieħor, meta l-Gvern iqiegħed persuna f'fond rekwiżizzjonat, ukoll jekk dik il-persuna tħallas mhux lis-sid iżda lill-Gvern għall-użu tal-fond, ma jitqiesx – għall-inqas għall-għanijiet tal-Kap. 69 – illi hemm kiri bejn il-Gvern u dik il-persuna. Dan ma jfissirx illi ma jistax jinħoloq kiri bejn is-sid u l-persuna li titqiegħed fil-fond.

16. Barra minn hekk, l-art. 44 igħid biss illi "d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu" – *viz.* tal-art. 44 innifsu li jwessa' t-tifsira tal-kelma "kirja" biex tħaddan ukoll forom oħra ta' ftehim li ma humiex kirja kif jifhimha l-Kodiċi Ċivili[2].

---

[2] Ara Jeremy Cauchi *et v.* Avukat Ġenerali *et* (Kost. 26 ta' Jannar 2022, rik. nru 122/2019, para. 16 *et seqq.*); Reginald Fava *et v.* Avukat Ġenerali *et* (Kost. 23 ta' Frar 2022, rik. nru 28/2019, para. 15 *et seq.*).

17. Għalhekk ma tistax tistrieħ – bħalma għamlet l-ewwel qorti – fuq l-art. 44 tal-Kap. 69 biex tgħid illi ma kienx hemm kiri bejn l-atturi u l-konvenuta

18. L-Avukat tal-Istat igħid ukoll illi ma hemmx prova illi l-atturi kienu mġiegħla, bis-saħħa tal-art. 8 tal-Att dwar id-Djar [“Kap. 125”], illi jagħarfu lil McPherson bħala kerrejja, jew li fittxew ir-rimedju li tagħtihom l-istess disposizzjoni tal-liġi biex ma jagħarfuhiex. Madankollu, ir-relazzjoni ta’ sid-il-kera u kerrej tista’ tinħoloq mhux biss meta s-sid ikun imġiegħel jagħraf lill-kerrej iżda wkoll jekk is-sid, għax jew għax jagħraf illi ma għandux alternativa – għax l-awtorizzazzjoni biex is-sid ma jagħrafx lill-kerrej taħt l-art. 8(3) tal-Kap. 125 tingħata biss jekk is-sid juri illi, jekk jagħraf lill-kerrej, “huwa jbati konsegwenzi ħorox” – jew għal xi raġuni oħra, minn jeddu jagħraf bħala kerrej lill-persuna li lilha l-awtorità tkun allokat il-fond.

19. F’dak il-każ tinħoloq kirja u hekk ġara fil-każ tallum, tant illi r-rappreżentant tal-awtorità konvenuta stess xehed illi s-sidien kienu jaċċettaw il-kera mingħand il-konvenuta McPheron u għalhekk inħolqot relazzjoni bejniet-hom. L-istess xhud kompla jgħid illi kien għax l-atturi kienu mġiegħla jagħarfu lill-kerrejja billi jibdew jaċċettaw il-kera mingħandha illi tneħħiet ir-rekwiżizzjoni.

20. Fi kliem ieħor, qabel ma l-awtorità neħħiet ir-rekwiżizzjoni serrħet moħħha illi McPherson kellha kirja protetta u xejn ma hu xieraq illi issa l-konvenuti jaħarbu mir-responsabilità billi igħidu illi l-kirja ma hijiex waħda protetta taħt il-Kap. 69.

21. Tgħid għalhekk ħażin l-ewwel qorti meta tgħid illi wara d-derekwiżizzjoni ma kienx hemm kirja mħarsa taħt il-Kap. 69.

22. Ukoll, ma qalitx sew l-ewwel qorti meta qalet illi "qari tar-rikors promotur juri illi mhux il-liġi qed tiġi attakkata iżda l-ordni ta' rekwiżizzjoni u l-effetti tagħha … … …". Fil-fatt l-atturi qegħdin igħidu illi ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom mhux biss minħabba l-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni bis-saħħa tal-Kap. 125 iżda wkoll minħabba t-tħaddim tal-Kap. 69 wara li tneħħiet ir-rekwiżizzjoni.

23. Igħidu sew għalhekk l-atturi illi baqgħu jġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom bħala sidien ukoll wara d-derekwiżizzjoni, u għall-ksur matul dak il-perjodu jwieġbu kemm l-awtorità – għax kienet din (jew, aħjar, l-awtur tagħha li twieġeb hi għall-għemil u nuqqasijiet tiegħu) li ħarġet l-ordni ta' rekwiż-izzjoni, u l-konsegwenzi ta' din ir-rekwiżizzjoni baqgħu jinħassu wkoll wara li tneħħiet għax meta l-fond ġie derekwiżizzjonat xorta ma ntraddx il-pussess battâl lill-atturi għax kien hemm kirja protetta[3] – u jwieġeb ukoll flimkien magħha l-Avukat tal-Istat f'isem il-Gvern ta' Malta li għadda b'liġi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

24. L-aggravju tal-atturi għalhekk sejjer jintlaqa' ħlief fejn igħidu illi d-*dies ad quem* għandu jkun meta ippreżentaw ir-rikors fl-1 ta' Novembru 2021, għax il-kumpens jingħata biss sal-31 ta' Mejju 2021, qabel ma fl-1 ta' Ġunju 2021 daħlu fis-seħħ bl-Att XXIV tal-2021 l-emendi fil-Kap. 69 li jħarsu d-dritt tas-sidien għal kumpens xieraq u proporzjonat.

25. Fadal għalhekk li jiġi likwidat il-kumpens xieraq għaż-żmien bejn l-1 ta' Settembru 2004 u l-31 ta' Mejju 2021, li għandu jiżdied mas-somma ta'

---

[3] Ara <u>Reginald Fava *et v.* Avukat Ġenerali *et*</u> (Kost. 23 ta' Frar 2022, rik. nru 28/2019, para. 15 *et seq.*).

tmienja u għoxrin elf ħames mija u tmienja u disgħin euro (€28,598) likwidata mill-ewwel qorti għaż-żmien mill-1 ta' Mejju 1887 sal-31 t'Awissu 2004, li minnha ma sarx appell. B'hekk l-atturi sejrin jingħataw kumpens għall-perjodu kollu relevanti *i.e.* mill-1 ta' Mejju 1987 sal-31 ta' Mejju 2021.

26. Maħdum bil-kriterji ta' Cauchi, u wara li tqis dak li daħħlu jew li setgħu jdaħħlu l-atturi, it-telf li ġarrbu għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2004 u l-31 ta' Mejju 2021 huwa qrib ħamsa u sittin elf euro (≈€65,000), kif muri fl-iskeda A mehmuża mas-sentenza biex titqies parti minnha.

27. Bħala danni pekunjarji għalhekk l-atturi ħaqqhom tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€23,598) likwidati mill-ewwel qorti u ħamsa u sittin elf euro (€65,000) likwidati llum, b'kollox tmienja u tmenin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€88,598) b'dan illi għas-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) jwieġbu l-Awtorità tad-Djar u l-Avukat tal-Istat flimkien.

28. Ma' dawn jiżdiedu d-danni morali ta' ħamest elef euro (€,5000) likwidati mill-ewwel qorti billi din il-qorti hija tal-fehma illi dawn huma kumpens tajjeb u biżżejjed għall-ksur li ġarrbu l-atturi matul il-perjodu relevanti kollu.

29. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-jeddijiet tal-atturi mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, b'dan illi l-perjodu li matulu seħħ il-ksur għandu jitqies mhux mill-1 ta' Mejju 1987 sal-31 t'Awissu 2004 iżda mill-1 ta' Mejju 1987 sal-31 ta' Mejju 2021;

ii. tikkonfermaha fejn illikwidat id-danni pekunjarji relattivi għaż-żmien mill-1 ta' Mejju 1887 sal-31 t'Awissu 2004 fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u disgħin euro (€23,598) u kkundannat lill-Awtorità tad-Djar tħallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relattivi;

iii. tħassarha fejn ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju;

iv. tħassarha fejn ma sabet ebda ksur, u għalhekk ma illikwidat ebda danni, għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2004 u l-31 ta' Mejju 2021, u minflok, tillikwida d-danni pekunjarji relattivi għal dak il-perjodu fis-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000), u tikkundanna lill-Awtorità tad-Djar u lill-Avukat tal-Istat flimkien iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relattivi;

v. tikkonfermaha fejn illikwidat danni non-pekunjarji fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) u tikkundanna lill-Awtorità tad-Djar u lill-Avukat tal-Istat flimkien iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relattivi.

30. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati bis-sentenza appellata; dawk tal-appell iħallsuhom l-Awtorità tad-Djar u l-Avukat tal-Istat flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

Skeda A

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | | Indiċi ta' inflazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 2004 | 1,492.33 | 21.74 | * | |
| 2005 | 4,477.00 | 65.22 | | |
| 2006 | 4,477.00 | 65.22 | | |
| 2007 | 6,958.00 | 65.22 | | |
| 2008 | 6,958.00 | 65.22 | | |
| 2009 | 6,958.00 | 65.22 | | |
| 2010 | 6,958.00 | 185.00 | | 770.07 |
| 2011 | 6,958.00 | 185.00 | | |
| 2012 | 6,987.00 | 185.00 | | |
| 2013 | 6,987.00 | 197.32 | | 821.34 |
| 2014 | 6,987.00 | 197.32 | | |
| 2015 | 6,987.00 | 197.32 | | |
| 2016 | 6,987.00 | 201.39 | | 838.29 |
| 2017 | 9,237.00 | 201.39 | | |
| 2018 | 9,237.00 | 201.39 | | |
| 2019 | 9,237.00 | 209.90 | | 873.73 |
| 2020 | 9,237.00 | 209.90 | | |
| 2021 | 3,848.75 | 87.46 | ** | |
| | 120,968.08 | 2,606.24 | | |

| | |
|---|---|
| -20% = | 96,774.47 |
| -30% = | 67,742.13 |
| naqqas | -2,606.24 |
| Jifdal | 65,135.88 |

* erba' xhur
** ħames xhur